**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 82/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Rodney Borg)**
**(Spettur Andy Rotin)**

**Vs**

**Joseph Clifford Gauci**

**Illum 7 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Joseph Clifford Gauci**, iben Raymond Gauci u Rita Rosy Antonia neè Formosa, imwieled il-Pietà nhar l-10 ta' Awwissu 1988 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 375988(M), talli bejn Jannar u Diċembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Iffalsifika ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentement għamel użu minn waħda mill-karti msemmijin;

3. U aktar talli għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija;

5. U aktar talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

6. U aktar talli bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' frodi b'egħmil qarrieqi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni billi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika sabiex jagħmel qligħ bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entità u/jew entitajiet oħra, ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

7. U aktar talli bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' qligħ b'qerq bi ħsara ta' ħaddieħor u cioè bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entità u/jew entitajiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

8. U aktar talli kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lil Joseph Clifford Gauci għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 5 sa' 7 tal-proċess;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Wayne Rodney Borg mogħtija waqt is-seduti tas-27 ta' Frar 2023[2], tat-8 ta' Jannar 2024[3] u tat-12 ta' Marzu 2024[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "WB" sa' Dok. "WB2" a fol. 18 sa' 20 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' George Cremona, in rappreżentanza ta' Income Support & Compliance Division fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, mogħtija waqt is-seduti

[1] Fol. 55 tal-proċess.

[2] Fol. 12 sa' 17 tal-proċess.

[3] Fol. 91 sa' 96 tal-proċess.

[4] Fol. 99 sa' 103 tal-proċess.

tas-27 ta' Frar 2023[5] u tat-22 ta' Marzu 2023[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GC" a fol. 34 sa' 44 tal-proċess, rat id-dokument Dok. "AR1" esebit mill-Ispettur Andy Rotin fil-kors tax-xhieda ta' George Cremona waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2023, a fol. 29 u 30 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Anthony Galea Debono[7] u ta' Mary Louise Cini[8], impjegata ma' servizz.gov, mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2023, u x-xhieda ta' Stephen Cachia, in rappreżentanza ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2023[9] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "SC1" a fol. 63 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Katya Vassallo mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Settembru 2023[10] u rat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija Eżekuttiva mħejjija minnha markat Dok. "KV" a fol. 72 sa' 83 tal-proċess,

Rat li waqt is-seduta tas-27 ta' April 2023[11], id-Difiża ddikjarat li *ma hijiex tikkontendi illi l-imputat effettivament daħħal l-applikazzjoni. Id-Difiża tikkontendi biss illi l-irtirar ta' dawk id-dokumenti sar minn jeddu da parte ta' l-imputat u sar qabel ma ġie mitkellem mill-Pulizija Eżekuttiva* u rat li waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju 2023[12], l-imputat ikkonferma li l-firma a fol. 41 tal-proċess hija tiegħu iżda ddikjara li l-firma a fol. 40 tal-proċess ma hijiex tiegħu peress illi jidher ċar li min iffirma, iffirma bħala medical specialist u dak id-dokument hu ma iffirmahx;

Rat li waqt is-seduta ta' l-20 ta' Settembru 2023[13], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li kwalunkwe firma li tista' tidher ta' l-ispeċjalist, ma saritx mill-applikanti, inkluż għalhekk l-imputat;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 23 ta' Ottubru 2023[14], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 18, 41, 167, 169, 183, 184, 188(1), 188(2), 308, 309, 310 u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 23, 31, 383, 384, 385, 386, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[5] Fol. 21 sa' 28 tal-proċess.

[6] Fol. 32 u 33 tal-proċess.

[7] Fol. 45 u 46 tal-proċess.

[8] Fol. 47 sa' 50 tal-proċess.

[9] Fol. 62A tal-proċess.

[10] Fol. 87 tal-proċess.

[11] Fol. 57 tal-proċess.

[12] Fol. 66 tal-proċess.

[13] Fol. 71 tal-proċess.

[14] Fol. 86 tal-proċess.

Rat li fis-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2023[15], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex provi iktar xi tressaq u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli bejn Jannar u Diċembru tas-sena 2022, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Iffalsifika ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; (2) U aktar talli xjentement għamel użu minn waħda mill-karti msemmijin; (3) U aktar talli għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; (4) U aktar talli xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija; (5) U aktar talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz; (6) U aktar talli bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' frodi b'egħmil qarrieqi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni billi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika sabiex jagħmel qligħ bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entità u/jew entitajiet oħra, ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; (7) U aktar talli bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' qligħ b'qerq bi ħsara ta' ħaddieħor u cioè bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entità u/jew entitajiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; (8) U aktar talli kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Huwa wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu;

---

[15] Fol. 88 tal-proċess.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 23 ta' Ottubru 2023[16], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 18, 41, 167, 169, 183, 184, 188(1), 188(2), 308, 309, 310 u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 23, 31, 383, 384, 385, 386, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

L-**Ispettur Wayne Rodney Borg**[17] xehed illi *f'Ottubru tas-sena 2022, il-Pulizija ġiet infurmata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali illi sabu ammont ta' applikazzjonijiet għall-benefiċċju tas-severe disability assistance illi kienu kopja identika, biss b'dati differenti. Ġara illi d-diversi persuni kienu ssottomettew l-istess dokument, allegatament maħruġ minn Dr. Galea Debono, bl-istess kitba iżda b'dati differenti b'allegat mard ta' epilepsy. Dawn l-atti saru biex l-istess persuni jkunu intitolati għall-benefiċċju li jitħallas kull erba' ġimgħat mill-istess Dipartiment fejn huma ssottomettew aktar dokumenti li jirriżultaw li huma foloz. Ta' min isemmi wkoll illi waħda mill-kundizzjonijiet għal tali benefiċċji f'każ ta' dawn il-persuni kollha, meta persuna tbagħti minn epilepsy, għal tali mard, huma jkollhom jitwaqqfu milli jkollhom liċenzja tas-sewqan u ppreżentaw dokument maħruġ minn Transport Malta falz, illi tali dokument u dokumenti oħra, fost oħrajn ta' Mater Dei, ġew preżentati lid-Dipartiment bħala awtentiċi fejn dawn ma kienux. Dawn wara jingħataw lill-Bord fejn jaraw lill-persuni, eżaminaw lil tali persuni u għalhekk ġew misled dawn id-dokumenti li kienu foloz. Il-Pulizija għamlet kuntatt ma' Dr. Galea Debono fejn ikkonferma illi tali dokumenti ma kienux tiegħu, fejn stqarr illi t-timbru kien ilu ma jużah madwar sentejn u l-persuni, is-sbatax-il persuna illi huma akkużati llum, ma humiex pazjenti tiegħu. Minn investigazzjonijiet oħrajn li għamlet, sabet illi d-diversi dokumenti kienu imbagħbsa fejn ġew ikkonfermati illi ma nħarġux minn Mater Dei u lanqas dawn ma kienux pazjenti ta' dawn it-tobba li ġew imniżżla. Fl-applikazzjoni, kif tkellimt qabel, kien hemm ir-rekwiżit ta' Transport Malta u l-liċenzji qatt ma ġew miġbura lura minn Transport Malta għaliex Transport Malta qatt ma kienu ġew infurmati b'tali allegatament kundizzjonijiet li rriżultaw illi ma kienux, fost illi ċertu kandidati nstabu illi mhux talli hekk talli jaħdmu bit-taxi. ... Il-Pulizija kellmit lit-tobba tal-Bord u kkonfermaw u s-sbatax-il persuna ġew interrogati minni u mill-Ispettur Rotin fix-xahar ta' Diċembru u Jannar.*

Fir-rigward ta' l-imputat Joseph Clifford Gauci, l-Ispettur Borg iddikjara li *hu ma kienx ħa benefiċċju, tefa' applikazzjoni biss u ġie interrogat fit-18 ta' Diċembru tas-sena 2022 wara illi rrifjuta d-dritt ta' l-avukat. Is-Sur Clifford Gauci kien qalilna illi hu minn jeddu kien mar sabiex iwaqqaf il-benefiċċju. Aħna lis-sinjur tajnieh data oħra sabiex jerġa' jattendi biex jipprovdielna dan li qed jgħid hu. Sadanittant, id-darba ta' wara ġie l-Avukat Dr. Ezekiel Psaila għall-istess*

---

[16] Fol. 86 tal-proċess.

[17] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2023, fol. 12 sa' 17 tal-proċess.

*appuntament fejn stqarr illi kien kellem persuna mis-Sigurtà Soċjali. Aħna minn jeddna wkoll ikkonfermajna mas-Sigurtà Soċjali, ma kien hemm xejn iddokumentat, però, l-istess persuna kienet ikkonfermat illi vera kien ġie jkellimha biex iwaqqaf il-benefiċċju, però d-data eżatt ħadd ma jafha, la s-Sur Gauci u lanqas is-sinjura għaliex ma kienx daħal fis-sistema. Is-Sur Gauci possibilment seta' mar iwaqqaf il-benefiċċju wara li sar jaf li aħna qed ninvestigaw persuni oħra u sibna korrispondenza bejn diversi persuni li kulħadd qed jgħid "isma' bagħtu għalina l-FCID u possibilment huwa fuq hekk"*.

In kontro-eżami l-Ispettur Borg ikkonferma li l-imputat kien iffirma applikazzjoni biex jieħu xi flus meta huwa kien qiegħed ġo każin. Ikkonferma li l-imputat ġie ippreżentat b'*hard copy* ta' l-applikazzjoni u huwa ffirmaha. Stqarr illi l-Pulizija kienet ilha għaxart ijiem qabel ma bagħtet għall-imputat l-ewwel darba, tkellem nies involuti f'din il-kwistjoni u tenna li l-imputat kien infurmahom illi huwa kien mar biex jwaqqaf l-applikazzjoni tiegħu. L-Ispettur però ma qabilx ma' l-affermazzjoni li *m'hemm xejn bil-miktub* (li l-imputat mar biex iwaqqaf l-applikazzjoni tiegħu) *għaliex il-proċedura hija illi jekk kemm-il darba jagħjtulek sabiex titla' quddiem il-Bord, inti mbagħad ma tidhirx,* u tenna li *aħna meta ikkonfermajna mas-sinjura tas-sigurtà soċjali jekk is-Sur Gauci kellimhiex, il-persuna illi rrefera għaliha hu, hi qaltilna illi veru mar ikellimha però ma tiftakarx id-data u ma kienet saret l-ebda nota biex titwaqqaf l-applikazzjoni għax hu ma ħax benefiċċju.* L-Ispettur saħaq li fiż-żmien meta bdiet l-investigazzjoni tal-Pulizija dwar dawn l-applikazzjonijiet foloz a detriment tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, l-applikazzjoni ta' l-istess imputat ma kenitx imwaqqfa iżda stqarr li jekk din l-istess applikazzjoni kenitx imwaqqfa fiż-żmien meta bagħtu għal u kellmu lill-imputat, hija kwistjoni li tista' tiġi ċċarata biss mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Madanakollu saħaq li għall-Pulizija din l-applikazzjoni dak iż-żmien kienet għadha in vigore u stqarr illi *kienet għadha hemhekk … u dan jista' jikkonfermah tas-Sigurtà Soċjali għax erġajna vverifikajna fuqu dan il-punt u minn jeddna, it-tieni darba illi ġie ma' l-Avukat, morna aħna personalment inkellmu lil din il-persuna, mhux telefonata imma morna nikkonfermaw u qaltilna li la d-data ma tista' tikkonferma ta' meta mar u lanqas hu ma seta' jikkonferma d-data.*

In kontro-eżami waqt is-seduta tat-8 ta' Jannar 2024[18], b'referenza għal meta l-imputat mar biex jwaqqaf l-applikazzjoni tiegħu l-Ispettur Wayne Borg stqarr li l-persuna li kellmu fir-rigward ma setgħetx tiftakar id-data eżatta meta mar u żied jgħid *biex inkun sinċier, hi qalet għax kif inhu ġust, li meta mar l-ewwel darba, hi ma waqqfitulux lil min iffittxu. Kienet qaltilna meta ġie l-ewwel u meta reġa' mar quddiemha, ma waqqfitulux il-benefiċċju. Mingħalija qalet li qaltlu li issa jwaqqfuhulu mis-sistema għax ma jattendix. Mingħalija xi ħaġa hekk kienet qalet. … Imbagħad wara li kellimnieh, ovvjament hu, naħseb ġustament, reġa' mar biex isib l-istess persuna u jgħidilha isma', diga kellimtek biex twaqqafli l-benefiċċju u ma waqqaftulix, però ma nistax nikkonferma eżatt il-perijodu meta mar għax qas hi ma kkonfermatu. Dak biss nista' ngħid. Però hu mill-ewwel qalilna meta bgħattna għalih, mal-ewwel bagħtilna li kien diga' mar biex iwaqqfu.*

---

[18] Fol. 91 sa' 96 tal-proċess.

**George Cremona**[19], in rappreżentanza ta' Income Support & Compliance Division fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, xehed illi *l-investigazzjoni bdiet wara illi nstabu ċertifikati mediċi simili u ġew highlighted min-naħa tas-sezzjoni partikolari, ġew highlighted mill-Assistent Direttur illi hu d-Direttur Ġenerali ta' l-Income Support & Compliance u immedjatament aħna skattajna din l-investigazzjoni billi irreferejna għall-Kummissarju tal-Pulizija.* Iċ-ċertifikati in kwistjoni kienu relatati mal-kundizzjoni ta' l-epilessija u stqarr li *meta persuna tapplika, din l-applikazzjoni tidħol fl-Income Support & Compliance Division, tidħol fis-sezzjoni partikolari ta' l-Għajnuna Soċjali li taħtha wkoll jaqgħu l-assistenzi għal diżabilità, tiġi vvettjata u immedjatament, minħabba li mhijiex tested skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, dawn l-assistenzi għal diżabilità jaqgħu taħt l-Artikolu 27 tal-Kap.318 u immedjatament, dik it-tip ta' applikazzjoni tgħaddi għand il-Bord Mediku sabiex il-Bord Mediku jiddeċiedi jekk ħaqqhiex jew le l-persuna. … L-applikazzjoni jkollha fiha d-dettalji tal-persuna u jrid ukoll jiġi meħmuż ċertifikat mediku illi jirreferi għall-kundizzjoni ta' diżabilità illi tkun qed tapplika biha l-persuna.*

George Cremona stqarr li dawn l-applikazzjonijiet kollha kellhom in komuni ċ-ċertifikat mediku fejn iċ-ċertifikati kollha kellhom l-istess *wording* u kienu jidhru iffirmati kollha mill-istess tabib. Stqarr ukoll li kienu l-Uffiċjali fi ħdan is-sezzjoni li jieħdu ħsieb dawn it-tip ta' każijiet li ndunaw bis-similarità bejn dawn l-applikazzjonijiet. Xehed illi *għall-bidu ġew intraċċati 17-il persuna imma mhumiex kollha f'daqqa. Bdew jiġu ftit ftit mis-Sezzjoni, hekk kif jaraw iċ-ċertifikat mediku simili u f'dan il-każ, ovvjament, kif kienu jiġu għandi u għand id-Direttur Ġenerali, aħna mill-ewwel konna ngħadduhom lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiskatta dawk it-tip ta' investigazzjonijiet. Kien hemm każijiet illi ġew maqbudin mill-ewel u f'dak il-każ ma tħallasx il-benefiċċju, wara wkoll illi ħadna il-parir tal-Pulizija sabiex naraw jekk għandniex inħallsu jew le wara li jkun għadda mill-Bord Mediku.*

Fir-rigward ta' l-imputat Joseph Clifford Gauci, George Cremona xehed illi huwa *kien applika fil-21 ta' Novembru tas-sena 2022, il-każ mill-ewwel, wara li kien hemm l-esperjenza tal-każijiet l-oħrajn, għadda għandi u għand l-Assistent Direttur għall-Benefiċċju mhux Kontributorju u għand id-Direttur Ġenerali Income Support and Compliance, u minnufih, hekk kif rajna illi kien hemm ċertifikat simili għall-każijiet ta' qablu, għaddejna l-każ lill-Pulizija. Dan il-każ waqaf hemmhekk min-naħa tad-Dipartiment u ma nħadem xejn fuqu u lanqas intbagħat lill-Bord Mediku,* bil-konsegwenza li l-imputat odjern ma rċieva l-ebda benefiċċju.

In kontro-eżami fir-rigward ta' kif tiġi sottomessa applikazzjoni ta' din ix-xorta, George Cremona spjega li *llum il-ġurnata, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, flimkien ma' l-Income Support and Compliance Division, għandna platform illi persuna tista' tapplika online. Jekk persuna ma jkollhiex sistema teknoloġika fid-dar tagħha, tista' tmur f'hub ta' servizz.gov u japplikawlha hemmhekk online, jiġifieri ma tidħolx applikazzjoni fiżika, is-sistema hija illi trid bilfors tapplika*

[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2023, fol. 21 sa' 28 tal-proċess.

*online.* Fir-rigward ta' l-irtirar ta' l-applikazzjoni, Cremona xehed illi *jekk xi ħadd ikun irid jirtira dik l-applikazzjoni, irid imur jagħmel dikjarazzjoni f'hub ta' servizz.gov … jista' jagħmel rappreżentanza min-naħa tiegħu illi hu qiegħed jirtira dik it-tip ta' applikazzjoni u l-istaff ta' servizz.gov jagħtuh formola sabiex japplika illi qed jirtira dik it-tip ta' applikazzjoni. … Ma hijiex applikazzjoni imma hija dikjarazzjoni mill-applikant illi qiegħed jirtira dik it-tip ta' applikazzjoni. … Ir-record jinżamm bħala soft copy fil-każ tal-persuna u kif ukoll ikun hemm contact note fuq is-sistema Subs illi jħaddem id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Is-sistema Subs hija s-sistema teknoloġika, il-framework teknoloġiku illi jħallas il-benefiċċji soċjali.*

Muri dokument mill-Prosekuzzjoni - markat Dok. "AR1" a fol. 29 u 30 tal-proċess - George Cremona stqarr li tali dokument huwa *screenshot tas-sistema teknoloġika li ħadem id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex ikun jista' jħallas il-benefiċċji jew inkella jirriġektja l-benefiċċji fejn hawn illi l-persuna* - ossia Joseph Clifford Gauci detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 375988(M) - *mar japplika severe disability assistance.* Tenna li jekk applikant ikun irid jirtira l-applikazzjoni tiegħu, huwa għandu *jmur f'hub ta' servizz.gov u hemmhekk hemm l-instructions sabiex kull min imur hemmhekk, irid idaħħal dik li ngħidulha contact note fis-sistema għal kull ħaġa li jkun qal lir-rappreżentant ta' servizz.gov.* Ix-xhud qal li mid-dokument Dok. "AR1" ma kienx qed jirriżulta li l-imputat kien mar f'hub ta' servizz.gov biex jirtira l-applikazzjoni tiegħu.

In kontro-eżami George Cremona ddikjara li f'dawn il-kwistjonijiet ma jidħolx iktar il-Labour Office stante li mis-sena 2020 'l hawn il-Customer Care kollu tal-Gvern, inkluż tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u Income Support and Compliance Division, għadda għand servizz.gov. Għall-mistoqsija dwar jekk meta persuna tmur biex tirtira applikazzjoni minnha sottomessa, ma jsir xejn sakemm l-addetti ta' servizz.gov ma jagħtuhiex xi ħaġa huma, George Cremona wieġeb *le, teżisti sistema teknoloġika fejn il-persuni min-naħa ta' servizz.gov għandhom instructions illi hekk kif persuna jew tiġi biex tapplika jew tiġi biex tagħmel x'tagħmel f'dak li jirrigwarda benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali, trid tidħol dik li ngħidulha contact note fis-sistema Subs. Plus hekk, servizz.gov ukoll iħaddmu dik li ngħidulha s-CRM, jiġifieri jekk irridu niċċekkjaw fis-CRM ta' servizz.gov jekk il-persuna kienx mar jew inkella xi darba marx biex jagħmel xi rappreżentanza, iva, f'dak il-każ nistgħu nitolbu rappreżentant ta' servizz.gov sabiex ikun jista' jagħmel dik ir-rappreżentazzjoni.* Ikkonferma li meta persuna tkun trid tirtira applikazzjoni minnha sottomessa, għandha tmur f'hub ta' servizz.gov u ssir il-proċedura spjegata minnu.

In kontro-eżami ulterjuri waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2023[20], George Cremona ippreżenta d-dokumentazzjoni kollha[21] li kien hemm fis-sistema virtwali tad-Dipartiment referibilment għall-applikazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri sottomessa mill-imputat. Xehed illi l-applikazzjoni in kwistjoni fiha dikjarazzjoni li tgħid illi *I declare that all information given to my knowledge is true, complete*

[20] Fol. 32 u 33 tal-proċess.

[21] Dok. "GC" a fol. 34 sa' 44 tal-proċess.

*and correct* u din id-dikjarazzjoni ġiet iffirmata minn Joseph Gauci fil-11 ta' Novembru 2022. Apparte minnhekk huwa ppreżenta wkoll informazzjoni li waslet id-Dipartiment permezz ta' email mingħand servizz.gov datata 8 ta' Marzu 2023, fis-sens illi l-applikant Joseph Gauci rtira l-applikazzjoni tiegħu għal severe disability assistance.

**Dr. Anthony Galea Debono**[22], Konsulent tan-Newroloġija, ġie muri d-dokumentazzjoni esebita fl-atti, fosthom ċertifikat li jidher maħruġ minnu, u huwa iddikajra li l-kitba ma hijiex tiegħu, id-dokument ma ħarġux hu u t-timbru li jidher fuqu mhux tiegħu lanqas. Ikkonferma wkoll li lill-imputat huwa qatt ma kien invistah u qatt ma kien pazjent tiegħu.

**Marie Louise Cini**[23], impjegata ma' servizz.gov, xehdet illi għall-fini ta' sottomissjoni ta' applikazzjoni għal severe disability assitance, *jiġi l-klijent u napplikawlu, ovvjament niskenjaw id-dokumenti kollha u minn hemm hekk tgħaddi għand l-assessur. Jiġifieri jiena, din l-application* (ossia dik relattiva għall-imputat) *għamiltha jiena għax hemm ismi ovvjament u għaddejtha normali bħall-oħrajn.* Żiedet tgħid li f'dan il-każ partikolari, l-applikant *reġa' ġie wara ċertu żmien sabiex iwaqqfu, qalli li kien għamel application, dħalt fis-sistema biex nara, ovvjament jiena għidtlu illi jiena ma nistax inwaqqafha min-naħa tiegħi għax l-application inkun għaddejtha u għidtlu li però, jekk ma jitlax għall-Bord, dik taqa' waħedha, jiġifieri s'hemmhekk naf żgur illi għidtlu hekk. … issa mbagħad kien reġa' ġie għax naf għax ovvjament meta taqdi lil xi ħadd, jgħidlek fejn taħdem u whatever u jiena naf li ngħidilhom li jien inkun il-Ħamrun u Monday filgħaxija inkun il-Belt. Kien reġa' ġie l-Belt u qalli li jixtieq iwaqqafha. Bgħattlu case dakinhar għax għidt mela la qed jinsissti, ħa nibgħat case li dan il-klijent irid iwaqqafha. … wara t-tieni darba ma waqqafthiex u għedtlu biex jitla' Bord, kif rajt li għadhom ma bagħtux għalih għall-Bord u reġa' ġie jinsisti li jrid iwaqqafha, ovvjament, jiena fl-obbligu u għidt mela issa la waqqafnihiex dakinhar u għadhom ma bagħtux għalih il-Bord, ħa nibgħatielu u erġajt bgħattlu case normali li l-klijent ġie biex iwaqqaf l-application.* Mistoqsija x'raġuni taha l-applikant għalfejn ried iwaqqaf l-applikazzjoni tiegħu, Marie Louise Cini wieġbet li raġuni speċifika ma tahiex *just kemm ġie u staqsieni jekk jistax iwaqqafha u naf ċerta li għidtlu li jiena xogħli huwa li napplika u mhux li nwaqqafha u għidtlu biex ma jitlax għall-Bord u l-każ jaqa'*, iżda żiedet illi *jekk hu qed jinsisti illi jrid iwaqqafha, jien ovvjament l-ewwel darba għidtlu x'inhuma r-raġuni għalfejn ma inwaqqafhiex imma jekk hu qed jinsisti li jrid iwaqqafha, jiena nibgħat dak li aħna ngħidulha case fejn nibgħat lid-Dipartiment u ngħidilhom li dan qed jinsisti li jrid iwaqqafha. … Imbagħad mid-Dipartiment jara jekk iridx iwaqqafha jew le u mhux min-naħa tiegħi.*

**Stephen Cachia**[24], in rappreżentanza ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, xehed illi minn riċerka li saret fir-rigward ta' Joseph Clifford Gauci, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 375988(M), irriżulta li l-liċenzja ta' sewqan tiegħu kienet

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2023, fol. 45 u 46 tal-proċess.

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2023, fol. 47 sa' 50 tal-proċess.

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2023, fol. 62A tal-proċess.

valida, dak iż-żmien, sa' l-10 ta' Awwissu 2024 u fir-rigward ta' tali liċenzja ma kien hemm l-ebda revoka ta' l-istess. Fir-rigward ippreżenta dokument markat Dok. "SC1" a fol. 63 tal-proċess.

**Dr. Katya Vassallo**[25] ppreżentat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. "KV" a fol. 72 sa' 83 tal-proċess - liema stqarrija (awdjo-viżwali) kienet ġie esebita mill-Ispettur Wayne Rodney Borg waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2023 - Dok. "WB2" a fol. 20 tal-proċess.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-**ewwel**, it-**tielet** u l-**ħames** imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli bejn Jannar u Diċembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Iffalsifika ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; (3) U aktar talli għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; (5) U aktar talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz.

Dawn l-imputazzjoni jinsabu riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 23 ta' Ottubru 2023[26] fejn hemm indikati, fost oħrajn, l-Artikoli 167, 183 u 188 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa evidenti li fil-każ in eżami l-imputat qed jiġi mixli b'diversi reati ta' falsifikazzjoni previsti fil-Liġi nostrali, ossia bir-reat ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti - l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, ir-reat ta' falsifikazzjoni ta' atti pubbliċi, kummerċjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx uffiċjal pubbliku - it-tielet imputazzjoni deotta kontrih, u r-reat ta' dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorità pubblika - il-ħames imputazzjoni dedotta kontrih.

Fir-rigward tad-diversi tipi ta' reati ta' falsifikazzjoni kontemplati fil-Liġi nostrali issir referenza għal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francois (Francis) Zammit, Każ Nru. 634/07** deċiża fis-26 ta' Marzu 2008[27], fejn ingħad: *kull disposizzjoni tal-liġi*

[25] Seduta ta' l-20 ta' Settembru 2023, fol. 87 tal-proċess.

[26] Fol. 86 tal-proċess.

[27] Konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2008.

*tikkontempla kunċett legali separat ta' modalità kif jiġi kommess il-falz. Fil-fatt il-liġi tagħna tagħmel anke distinzjoni bejn il-falz ideoloġiku u l-falz materjali. Kif ġie ritenut f'diversi sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna fosthom f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Paul Galea" deċiża 17 ta' Ottubru 1997: "Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz ideoloġiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioè fil-kontenut tiegħu, ikun hemm falsità materjali meta d-dokument ikun wieħed ġenwin, mentri l-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin "non è veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsità jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volontà. S'intendi b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi, iżda tinkludix dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu imqar temporanjament il-messaġġ...".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Roderick Camilleri et**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-28 ta' Lulju 2022, ingħad illi *l-pern tal-falz ideoloġiku allura huwa l-fatt li d-dokument ikun qiegħed jingħad fih fatti li jkunu inveritjieri; li ma jikkorrispondux mal-verità storika u fattwali; li allura l-aġent jistqarr fatti li jkun jaf li ma jkunux totalment jew parzjalment veri. Fi ftit kliem l-awtur iġiegħel lid-dokument jgħid fatti li huwa jkun jaf li ma jkunux jikkorrispondu mija fil-mija ma' dak li jkun verament seħħ fir-realtà. Ikun jaf li ma jkunx qed jgħid is-sewwa kollu mija fil-mija lill-awtorità pubblika, u minkejja dan, jagħżel li jagħmel dik id-dikjarazzjoni tiegħu. Id-dokument allura jiġi li jkun qed jirrappreżenta bħala fatt veru dak li fil-verità ma jkunx fatt veru: jew kollu kemm hu jew f'aspetti oħra tiegħu.*

Il-każ in eżami jittratta dwar applikazzjoni sottomessa mill-imputat mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fil-21 ta' Novembru 2022 sabiex jottjeni severe disability assistance għall-kondizzjoni speċifika ta' l-epilessija. L-applikazzjoni sottomessa mill-imputat, esebita a fol. 35 sa' 41 tal-proċess, hija l-applikazzjoni proprja meħtieġa għal Visual Impairment and Disability Assistance, iżda l-kontenut tagħha, senjatament fejn jirrigwarda allegata severe disability ta' l-imputat, ma huwiex affattu veritier.

Fl-applikazzjoni in kwistjoni in effetti jingħad illi l-imputat għandu severe disability konsistenti f'*epilepsy with a frequency of attacks exceeding four per month, which condition is confirmed by appropriate investigations including an electroencephalogram and so certified by a neurologist or psychiatrist provided that the person concerned is not in possession of a driving licence.* Ma' l-applikazzjoni ġie anness ċertifikat allegatament maħruġ minn Dr. Anthony Galea Debono u minnu allegatament iffirmat fil-11 ta' Novembru 2022. L-applikazzjoni in kwistjoni, li fost affarijiet oħra tikkontjenti d-dikjarazzjoni li *I declare that all information given is to my knowledge true, complete and correct. I understand that if the information given is false, I will be penalised as stipulated in the*

*Criminal Code (Cap.9) and can also lose the right for benefit, or part of it, as stipulated by the Social Security Act (Cap.318)*, ġiet iffirmata mill-imputat fil-11 ta' Novembru 2022.

Mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda ta' Dr. Anthony Galea Debono, jirriżulta li ċ-ċertifikat anness ma' l-applikazzjoni sottomessa mill-imputat ma inħarġix u ma ġiex iffirmat minnu u li l-imputat qatt ma kien pazjent tiegħu u qatt ma ġie nvistat minnu. Mill-atti proċesswali, u senjatament mid-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni waqt is-seduta ta' l-20 ta' Settembru 2023[28], jirriżulta però li l-istess Prosekuzzjoni fl-ebda ħin ma hija qed tikkontendi li ċ-ċertifikat allegatament maħruġ u ffirmat minn Dr. Anthony Galea Debono ġie kkreat mill-imputat jew li l-firma li tidher fuq dak iċ-ċertifikat saret mill-imputat. Apparte minn hekk, l-Ispettur Wayne Rodney Borg waqt is-seduta tat-8 ta' Jannar 2024[29] stqarr mingħajr tlaqliq li skond l-investigazzjonijiet tal-Pulizija ċ-ċertifikat in kwistjoni - u b'hekk kull wieħed minnhom sottomess flimkien ma' diversi applikazzjonijiet, fosthom dik ta' l-imputat - nħareġ minn persuna partikolari, ossia ċertu Luke Saliba magħruf bil-laqam il-Pespes. D'altro canto u min-naħa tiegħu, l-imputat jikkonferma u jirrikonoxxi - seduta tat-3 ta' Lulju 2023[30] - li l-firma li tidher fuq l-applikazzjoni a fol. 41 tal-proċess, fil-fatt hija l-firma tiegħu.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk jirriżulta li l-imputat għamel dikjarazzjoni falza dwar l-istat ta' saħħa tiegħu in kwantu rigwarda allegata severe disability ta' l-epilessija, fuq applikazzjoni maħruġa minn u intiża għad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk dan ma huwiex każ ta' falz materjali peress illi l-imputat bl-ebda mod ma biddel is-sustanza ta' l-applikazzjoni in kwistjoni, iżda huwa każ ta' falz ideoloġiku peress illi fl-istess applikazzjoni tniżżlu fatti - li għalihom iffirma dikjarazzjoni ta' veraċità l-imputat - li ma kienux minnhom, bil-konsegwenza għalhekk li huwa għamel dikjarazzjoni falza f'tali applikazzjoni.

L-elementi tar-reati l-oħra kontemplati fl-ewwel u fit-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat ma jissussistux f'dan il-każ u dana billi:

- L-Artikolu 167 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jikkontempla falsifikazzjoni materjali ta' dokument, ċedola, polza jew ordni sabiex wieħed jikseb ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċjal pubbliku jew min bank jew stabbiliment pubbliku ieħor mwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, li mhux il-każ fil-każ in eżami; u
- L-Artikolu 183 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jikkontempla falsifikazzjoni materjali ta' att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, fl-iskrittura nnfisha jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi jiddaħħlu dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'tali atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, jew billi jiżdiedu jew jinbidlu klawsoli, dikjarazjzonijiet jew

[28] Fol. 71 tal-proċess.

[29] Fol. 91 sa' 96 tal-proċess.

[30] Fol. 66 tal-proċess.

fatti li dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom juppruvaw, li ukoll mhux il-każ fil-każ in eżami.

L-imputat jikkontendi però li huwa ma wettaqx reat, ossia r-reati ta' falsifikazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu mill-Prosekuzzjoni, għar-raġuni li skontu talab li l-applikazzjoni tiegħu titwaqqaf pratikament mill-ewwel, ossia biss ftit jiem wara li huwa ssottometta l-istess. In oltre mill-istqarrija tiegħu rilaxxata lill-Pulizija, donnu jikkontendi li ma kienx jaf eżattament għal xiex kien qed jiffirma u ma kellux l-intenzjoni li jagħmel dikjarazzjoni falza u wisq inqas li jqarraq b'xi ħadd, b'mod partikolari bid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat stqarr li darba fost l-oħrajn kien qiegħed il-każin ma kuġinuh u kien qed jitkellem miegħu dwar xi problemi finanzjarji li kellu dak iż-żmien. F'ħin minnhom resaq fuqu persuna li jafu bil-laqam il-Pespes u staqsih jekk jieħux xi benefiċċju u meta rrispondih fin-negattiv dan qallu biex jiffirma karta u jikteb in-numru tal-Karta ta' l-Identità u tah ukoll l-IBAN number tiegħu. Stqarr ukoll li huwa kemm iffirma din il-karta u daqshekk u ma kienx jaf li din kienet karta relattiva għall-benefiċċju tal-morda.

Dak mistqarr mill-imputat però jirriżulta għal kollox kontradett mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u b'mod partikolari mix-xhieda ta' Marie Louise Cini, li kienet l-impjegata ta' servizz.gov li rċeviet l-applikazzjoni in kwistjoni mingħand l-imputat u anke għamlet l-iscanning tagħha biex tidħol fis-sistema. In effetti Marie Louis Cini tgħid illi l-imputat mar il-hub ta' servizz.gov fejn kienet hi tlett darbiet: darba meta issottometta l-applikazzjoni, darb' oħra ftit ġranet wara meta mar biex jipprova jwaqqaf l-applikazzjoni u darb' oħra ftit taż-żmien wara meta insista biex l-applikazzjoni tiegħu titwaqqaf.

Ladarba kien l-imputat stess li ssottometta l-applikazzjoni in kwistjoni fil-hub ta' servizz.gov huwa kemm xejn diffiċli għall-Qorti temmen li huwa ma kienx jaf x'qed jiffirma u għal xiex kien qed jiffirma, ossia li qed jiffirma applikazzjoni għal Visual Impairment and Disability Assistance sabiex jieħu benefiċċju għal severe disability, senjatament għall-epilessija. Huwa kemm xejn diffiċli għall-Qorti wkoll temmen li l-imputat dan ma għamlux konsapevolment, intenzjonalment u bl-iskop speċifiku li a bażi tad-dikjarazzjoni falza tiegħu, ossia li jbagħti mill-kundizzjoni ta' l-epilessija, huwa jottjeni benefiċċju li ma kienx jispetta lilu la fil-fatt u wisq inqas fid-dritt.

Fir-rigward ta' l-irtirar ta' l-applikazzjoni li tant jisħaq fuqu l-imputat, xehdu kemm l-Ispettur Wayne Rodney Borg kif ukoll Maire Louise Cini, impjegata ma' servizz.com.

L-Ispettur Borg ikkonferma li l-imputat mill-ewwel ipprotesta l-fatt li huwa talab biex l-applikazzjoni tiegħu titwaqqaf, iżda xehed ukoll li l-Prosekuzzjoni ma setgħetx tasal għad-data meta dan sar għaliex la l-imputat ma kien kapaċi jipprovdi data u lanqas, jekk niġu għalhekk, ma setgħet tagħti data preċiża l-impjegata ta' servizz.gov li qdiet lill-imputat, ossia Marie Louise Cini.

L-imsemmija Marie Louise Cini fil-fatt xehdet illi tiftakar li l-imputat kien mar biex jissottometti l-applikazzjoni in kwistjoni fil-21 ta' Novembru 2022 u li ftit ġranet wara, iżda ma tafx b'ċertezza meta, reġa' mar biex iwaqqaf l-applikazzjoni. Stqarret li hi f'dak l-istadju ma setgħetx twaqqaf l-applikazzjoni in kwantu kienet gia għaddiet l-istess applikazzjoni għal għand l-assessur u b'hekk tatu parir biex meta l-Bord Mediku jibgħat għalih huwa ma jmurx u b'hekk l-applikazzjoni taqa' waħedha. Żmien wara, iżda hawn ukoll ma setgħetx tgħid eżatt meta, l-imputat reġa' mar biex iwaqqaf l-applikazzjoni u din id-darba, meta rat li huwa kien għadu qed jinsisti u l-Bord Mediku kien għadu ma bagħatx għalih, daħħlet *contact note* fis-sistema li tgħid li l-applikant, l-imputat fil-każ in eżami, ried li l-applikazzjoni tiegħu titwaqqaf.

Apparte minhekk mix-xhieda ta' George Cremona, rappreżentant ta' l-Income Support & Compliance Division fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, jirriżulta li l-applikazzjoni ta' l-imputat, li jiġi ribadit ġiet minnu stess sottomessa fil-21 ta' Novembru 2022, fi kwalunkwe każ ma kienet se twassal imkien għar-raġuni li siccome din ġiet sottomessa wara li l-kwistjoni rigwardanti dawn l-applikazzjonijiet ibbażati fuq dikjarazzjonijiet foloz u msejsa b'ċertifikati mediċi foloz, gia kienet għaddiet għand il-Pulizija għall-investigazzjoni da parte tagħhom, u ġiet mill-ewwel *flagged* bħala applikazzjoni suspettuża mill-assessur, din twaqqfet da parte tad-Dipartiment stess u l-każ, bid-dettalji kollha relattivi, għadda għand il-Pulizija għall-investigazzjonijiet ulterjuri.

Minn dan kollu osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-kwistjoni tat-twaqqif ta' l-applikazzjoni ma hijiex daqshekk sempliċi u linejari daqs kemm jikkontendi l-imputat partikolarment għal dak li jirrigwarda r-reat ta' dikjarazzjoni falza li bih hu qed jiġi mixli bil-ħames imputazzjoni dedotta kontrih.

Tali imputazzjoni ta' dikjarazzjoni falza hija bbażata fuq l-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li *kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa*, u l-Qorti tqis li fil-każ in eżami r-reat in kwistjoni seħħ fil-mument li l-imputat iffirma l-applikazzjoni għal benefiċċju li ma kienx spettanti lilu u d-dikjarazzjoni relattiva li huwa kien ibagħti bil-kundizzjoni ta' l-epilessija, u għadda biex jissottometti l-istess f'hub ta' servizz.gov. Kwalunkwe intenzjoni li seta' kellu wara li ssottometta l-applikazzjoni ma tbiddel xejn, wisq inqas ma tannullax, ir-reat minnu mwettaq, ossia, jiġi ribadit, ir-reat ta' dikjarazzjoni falza ai termini ta' l-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li filwaqt li ma għandhiex u ma tistax issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, Hija għandha però ssibu ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bit-**tieni** u r-**raba' imputazzjoni** dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli: (2) U aktar talli xjentement għamel użu minn waħda mill-karti msemmijin - ossia l-karti msemmijin fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu; (4) U

aktar talli xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija - ossia dawk imsemmija fit-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Ma hemmx dubju li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija korrelata ma' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u r-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu hija korrelata mat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih.

Ladarba kif iktar 'l fuq osservat l-imputat ma għandux u ma jistax jinstab ħati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, lanqas ma jista' u ma għandu jinstab ħati tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu.

Bis-**sitt** u **seba' imputazzjoni** dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli: (6) U aktar talli bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' frodi b'egħmil qarrieqi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni billi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika sabiex jagħmel qligħ bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entità u/jew entitajiet oħra, ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; (7) U aktar talli bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' qligħ b'qerq bi ħsara ta' ħaddieħor u cioè bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entità u/jew entitajiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.

Huwa evidenti li l-imputat qed jiġi mixli bl-attentat ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u, alternattivament, bl-attentat ta' frodi innominata ai termini ta' l-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn l-imputazzjonijiet jinsabu riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 23 ta' Ottubru 2023[31], fejn hemm appuntu indikati l-Artikoli 308 u 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda l-elementi meħtieġa sabiex jissussisti r-reat ta' truffa jew sabiex jissussisti r-reat ta' frodi nnominata, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Farrugia et**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Diċembru 2011, fejn ġie osservat illi *fil-Liġi tagħna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata jrid ikun ġie perpetrat mill-aġent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi haġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegħ għall-aġent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raġġiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll mis-en-scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).* Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Peter Agius et**, deċiża fis-16 ta' Diċembru 2021, ġie osservat illi *dak li jikkostitwixxi "raġġiri" u "artifizji" li huma meħtieġa biex jiġi ravviżat ir-reat ta' truffa, ukoll huwa ben stabbilit. Fi kliem Antolisei "... artifizio è*

[31] Fol. 86 tal-proċess.

*ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realtà effetuato sia simulando ciò che non esiste, sia dissimulando ... ciò che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: più precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verità. .... È certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera". Ġie kostantement ritenut illi m'huwiex biżżejjed għall-finijiet tar-reat ta' truffa, "affermazzjonijiet, lużingi u promessi", mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibbilità l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Madanakollu, fl-istess waqt, dawn ir-raġġiri jew artifizzji li jiġu impjegati mill-aġent tar-reat m'għandhomx għalfejn ikunu "... xi haġa kkumplikata jew arkittetta b'ħafna pjanijiet"*[32]*. Kwantu, speċifikatament, l-element formali tar-reat, ingħad: ".... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun fi profit inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddieħor" ma jħallux dubbju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu jkun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttività tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo."*[33]

Fil-fehma tal-Qorti fil-każ in eżami ma hijiex biss kwistjoni ta' gideb, ossia li wieħed jiddikjara li jbati mill-kundizzjoni ta' l-epilessija meta ma huwiex veru, iżda, bl-użu taċ-ċertifikat mediku allegatament maħruġ minn Dr. Anthony Galea Debono in sostenn ta' dak "affermat" fl-applikazzjoni għal-Visual Impairment and Disability Assistance sottomessa mill-imputat, inħolqot il-*mis-en-scene* meħtieġa sabiex jissussisti r-reat ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement għalhekk il-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bir-reat ta' attentat ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-raġuni li għad illi ta bidu b'atti esterni għall-esekuzzjoni tar-reat, u dana billi ffirma u ssottometta l-applikazzjoni relattiva fil-21 ta' Novembru 2022, it-truffa a dannu tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ma twettiqx, tant illi huwa ma ħa l-ebda benefiċċju.

Għalkemm oriġinarjament il-Prosekuzzjoni bbażat l-attentat ta' truffa fuq l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia desistenza aċċidentali u indipendenti mill-volontà ta' l-imputat tat-twettiq tar-reat, fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu l-Avukat Ġenerali jindika l-Artikolu 41 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta mingħajr ma jidħol fid-dettal ta' liema miż-żewġ attentati previsti fil-Liġi effettivament l-imputat għandu jinstab ħati. Fil-fehma tal-Qorti dan jagħtiha biżżejjed latitudini sabiex tikkonsidra taħt liema miż-żewġ tipi ta' attentati previsti fl-Artikolu 41 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jista' - jekk hemm provi sufficjenti ai termini tal-Liġi - jinstab ħati l-imputat.

---

[32] Il-Pulizija v. Emanuel Ellul, deċiża fl-20 ta' Ġunju 1997.

[33] Il-Pulizija v. Charles Abela, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-6 ta' Lulju 2016.

L-Artikolu 41(1)(a)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort' oħra - (a) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, il-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqas grad jew żewġ gradi: (b) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena għall-atti li jkun laħaq għamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skond il-Liġi.*

Kif già iktar 'l fuq osservat, il-Prosekuzzjoni qed tixli lill-imputat bl-attentat ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li t-truffa a dannu tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u/jew il-Gvern ta' Malta, ma seħħitx minħabba xi ħaġa indipendenti w aċċidentali mill-volontà tiegħu. L-imputat però jikkontendi li ma seħħx reat, wisq inqas reat ta' truffa a dannu tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u/jew il-Gvern ta' Malta, stante li kien hu li minn jeddu talab u insista biex l-applikazzjoni tiegħu titwaqqaf.

Kif già iktar 'l fuq osservat, mill-provi prodotti jirriżulta li fil-11 ta' Novembru 2022 l-imputat iffirma u fil-21 ta' Novembru 2022 huwa ssottometta l-applikazzjoni għal Impairment and Disability Assistance biex jagħti bidu għall-proċess ta' l-għoti tal-benefiċċju għall-kondizzjoni ta' l-epilessija, kondizzjoni li rriżulta li huwa ma jbagħtix biha. B'hekk bl-iffirmar u sottomissjoni ta' dik l-applikazzjoni, l-imputat effettivament ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta a dannu tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u/ jew il-Gvern ta' Malta, madanakollu però, ftit jiem biss wara li ssottometta din l-applikazzjoni l-imputat minn jeddu mar f'hub ta' servizz.gov u talab biex l-applikazzjoni tiegħu titwaqqaf. L-addetta ta' servizz.gov, Marie Louis Cini, flok ma waqqfet l-applikazzjoni ta' l-imputat billi daħħlet il-contact note appożita fis-sistema, qaltlu li kull ma kellu jagħmel kien li una volta li jibgħat għalih il-Bord Mediku, huwa ma jattendix u b'hekk l-applikazzjoni tiegħu taqa'. Huwa evidenti li l-imputat ma kellu assolutament l-ebda intenzjoni li jkompli b'dak li huwa kien ta bidu għalih bl-iffirmat u sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għal Impairment and Disability Assistance, intenzjoni ta' desistenza din li ġiet minnu ulterjorment manifestata kemm waqt l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija kif ukoll bl-insistenza tiegħu li l-applikazzjoni titwaqqaf, tant illi reġa' mar f'hub ta' servizz.gov, tenna t-talba tiegħu biex l-applikazzjoni titwaqqaf u kien hemm li Marie Louis Cini finalment daħħlet il-contact note fis-sistema.

Fir-rigward ta' *voluntary desistance of the offender to complete the crime***,** il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid illi *the law does not require that the desistance should be absolutely spontaneous, i.e. prompted solely by repentance or returning good feeling independently by any other motive. To have so required would have involved the matter into infinite minute enquiries into the working of the human mind and processes of volition which no judicial authority can undertake. The law is satisfied if the desistance is voluntary, or, in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made purely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will. We have said already that the law grants exemption from punishment in respect of the attempt*

*when it is "abandoned" by the agent, and an attempt is abandoned when the agent desists either out of repentance, that is to say, a change of mind brought about by returning good feeling, or because of the fear of punishment, or of sudden pity for the victim, or of the good advice of a third party, or of any other cause which does not, however, amount to an 'impediment' to the further execution of the completion of the crime. In the case "The Police v. Salv. Grech" our Criminal Court of Appeal said: "Il solo fatto di aver il citato desistito dal tentativo per altrui suggerimento non rende la desistenza meno volontaria. La legge non esige l'assoluta spontaneità ma solo la volontarietà della desistenza: nè la volontarietà viene meno solo perchè la desistenza è salutare ed appunto quello il fine cui mira la sanzione della legge". The concept of voluntary desistance both the forbearance of the agent from doing further acts of execution of the crime, as well as the counter-action of the agent directed to undo the acts already done or to prevent their effects, as when for instance, A, after mixing poison in B's food with intent to kill him, voluntarily prevents B from partaking of the food; or after administering the poison provides and antidote. But - Maino suggests - one should be careful not to confuse desistance with what is merely the non-repetition of the attempt. One can speak of "desistance" (in the case of forbearance) when, apart from the act or acts already done, other acts would still be required to be done by the agent. When, on the contrary, the agent has done the act or the whole of the series of acts which could normally consummate the crime but the consummation of this has been prevented by an accidental cause independent of his will, one can no longer speak of desistance but only non-repetition if the agent refrains from returning to the attack. A man who has attempted to kill another by shooting at him with a gun loaded with a deadly charge will not be exempt from punishment merely because the first shot having accidentally missed, he does not fire a second shot. Otherwise - Maino thinks - most criminal attempts would remain unpunished. Now, as we have already said, voluntary desistance removes liability for punishment in respect of the attempt, but if the acts already done constitute in themselves a crime, then the agent is liable to the punishment provided for such a crime. It would have been absurd to admit that a crime, which is complete in all its elements, should go unpunished merely because the agent had originally intended to commit a more serious crime: "Quod factum infectum fieri nequit". Thus, a man who, with intent to kill another man, points a loaded gun at him, or, with intent to steal, breaks open the safe, will not be guilty of attempted murder or attempted theft if he voluntarily desists from the further commission of the intended crime, but may, if all other circumstances so warrant, be guilty of threats or wilful damage to property, respectively.*

Meta l-fatti ta' dan il-każ jiġu kkunsisdrati fid-dawl ta' dak osservat mill-Professur Sir Anthony Mamo, għandu jirriżulta li fil-każ in eżami japplika l-Artikolu 41(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux l-Artikolu 41(1)(a) ta' l-istess. Għalkemm huwa veru li fi kwalunkwe każ l-applikazzjoni ta' l-imputat twaqqfet mid-Dipartiment meta ġiet mgħoddija lill-Pulizija għal iktar investigazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-imputat ma għandux jiġi mċaħħad mill-effetti tad-deċiżjoni tiegħu li volontarjament jiddeżisti milli jkompli bit-twettiq tar-reat ta' truffa a dannu tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u/jew il-Gvern ta' Malta.

Raġġunta din il-konklużjoni l-Qorti neċessarjament għandha timxi ma dak provdut fl-Artikolu 41(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u timponi l-piena għall-atti li l-imputat kien laħaq għamel, ossia l-piena għad-dikjarazzjoni falza da parte ta' l-istess imputat.

Raġġunta din il-konklużjoni, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Siccome s-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija alternattiva għas-sitt imputazzjoni dedotta kontrih, il-Qroti tqis li għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Bit-**tmien imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli u aktar talli kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Fil-fehma tal-Qorti fir-rigward ta' din il-imputazzjoni partikolari, il-Prosekuzzjoni ma ressqet assolutament l-ebda prova fir-rigward ta' l-imputat. Konsegwentement għalhekk huwa ma jistax u ma għandux jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni partikolari.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatti speċifiċi ta' dan il-każ, in-natura tar-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta.

Ikkunsidrat ukoll li fil-każ in eżami r-reat kontinwat ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jissussitix u lanqas ma hemm lok għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 23, 310, 310BA, 383, 384, 385, 386, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide:**

Għaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, u filwaqt ukoll li mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, r-raba', is-sitt u t-tmien imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 41(1)(b) u 188(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-multa ta' erba' mitt Euro (€400). Kemm-il darba l-multa hawn imposta fuq l-imputat ma titħallasx minnu, japplikaw fil-konfront tiegħu l-provvedimenti ta' l-Artikolu 11(3) u t-tieni proviso ta' l-Artikolu 14 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**